MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 567/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**

**vs**

**Francis Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Francis Farrugia** ta' 50 sena , bin il-mejjet Carmel u Mary *nee'* Grech, imwieled Hal Tarxien, fil-11 ta' Settembru, 1953, residenti 'Amorosa' Triq Karlu Maratta, Hal Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' numru 681053M;

Tasli filwaqt li kont fir-residenza nru 47, Triq Napuljun Caruana Dingli, Hal Tarxien, nhasr id-9 ta' Mejju, 2004, ghall-habta tal-10:40 ta' filghodu, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' ohtok Salvina Attard minn Hal Tarxien, f'periklu car, ikkagunajtilha feita ta' natura gravi kif iccertifika Dr. Kevin Zammit M.D. mill-Cassuality Dept. tal-Isptar San Luqa, liema ferita iggibilha debulizza fis-sahha
jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u dan bi ksur tal-artikoli 216 (1) (a) u 222 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hiija mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fid-9 ta' Mejju 2004, Salvina Attard, oht l-imputat, ghamlet rapport kontra huha peress illi dakinhar stess kien hebb ghaliha u ikkawzala xi griehi. Hija segwiet dan ir-rapport permezz ta' kwerela esebita bhala Dok JB3 u minnha ikkonfermata. Il-kwerelanta spejgat kif dakinhar marret ghand ommha, sabet il-bieb miftuh u semghet hafna ghajjat gej minn gewwa. Meta dahlet rat lill-imputat jargumenta ma ommhom u kien irrabjat hafna. Hin minnhom dar fuq il-kwerelanta, imbuttaha minn sidirha, waqghet lura u zammet b'idha ix-xellugija u sostnijiet ksur f'idejha li ghadha tbati minnha sal-lum.

Omm l-imputat u l-kwerelanta, Maria Farrugia, xehdet quddiem assistent gudizzjarju peress illi ma kienitx

f'kundizzjoni taccedi l-Qorti.  Din ikkonfermat illi l-imputat kien id-dar taghha jargumenta dwar xi imghaxijiet, waslet Salvina, izda din qadet hdejn il-bieb ta' barra u malli staqsiet ghalfejn kien qed jghajjat, dan mar ghaliha distanza ta' cirka tlett metri u mbuttaha minn sidirha u waqghet fl-art.  Maria Farrugia xehdet illi qabel waslet Salvina l-argument sehh fl-entrata izda hi bdiet diehla 'l gewwa  u l-imputat beda jimxi warajha.

L-imputat xehed u cahad l-allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu.  Huwa spjega li kien minnu li dakinhar u dak il-hin kien qieghed ghand ommu jargumenta maghha u jurija xi kuntratt ghaliex din allegat li ma kienx minnu li hallas l-imghax fuq xarabank li kienu bieghlu missieru 25 sena ilu. Dak il-hin dahlet ohtu Salvina tghajjat u kif hares lura raha fl-art, qamet u qaltlu li kienet wegghet idejha.

Ikkunsidrat:  Illi dawn it-tliet xhieda huma dak kollu li l-Qorti ghandha ghad-disposizzjoni taghha sabiex tasal ghal-konkluzzjoni dwar dan il-kaz.  Illi hawnhekk hawn konflitt fil-provi ghaliex fl-ewwel lok l-imputat joffri verzjoni differenti minn dik tal-kwerelanta u fl-istess hin il-verzjoni tal-kwerelanta mhix ezattament pacifika ma dik ta' ommha.  Il-kwerelanta tghid illi meta huwa kien qed jargumenta ma' ommha, dan dar, imbuttaha minn sidirha u waqghet.  Ommha tghid illi meta l-kwerelanta riedet tkun taf ghaliex kien qed jghajjar, l-imputat mar ghaliha u ibuttaha.  Illi n-norma tal-konflitt ta' provi bla dubju ghandha tkun applikata f'dan il-kaz u certament il-Qorti ma tistax, moralment, minghjar ebda ombra ta' dubju tikkonkludi kontra l-imputat fl-isfond ta' dawn il-konflitti.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------